

Att LXXX tal-2024

li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-agrikoltura

(...)

25. Li jemenda l-Att LXVI tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-orġini ta' prodotti agrikoli

Artikolu 136 Fl-Att LXVI tal-2022 dwar il-protezzjoni tal-orġini ta' prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem: l-Att dwar il-protezzjoni tal-orġini), l-Artikolu 26/A li ġej jiddaħħal taħt l-intestatura 12:

“Artikolu 26/A (1) Bl-eċċezzjoni prevista fil-paragrafu (2), l-indikazzjoni ġeografika protetta tista' tidher biss fuq l-imballaġġ ta' prodott agrikolu li, fl-UE, jiġi introdott fis-suq fl-Ungerija l-ewwel u li jkollu l-isem tad-ditta jew it-trademark tal-kummerċjant stess, jekk:

- a) l-isem u l-indirizz tal-operatur li jipproduċi l-prodott bl-indikazzjoni ġeografika jkunu indikati fuq l-imballaġġ tal-bejgħ finali;
- b) l-operatur li jipproduċi l-prodott bl-indikazzjoni ġeografika jkun intitolat jiddetermina d-dehra u l-isem tal-prodott agrikolu jew il-kontenut essenzjali tat-tikkettar tiegħu; u
- c) l-operatur li jipproduċi l-prodott agrikolu li jkollu l-indikazzjoni ġeografika jista' jbigħ il-prodott mingħajr restrizzjoni bi kwalunkwe mezz tal-għażla tiegħu stess.

(2) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal

- a) bejgħ minn impriżi li joperaw fis-setturi speċifikati fid-digriet li jimplementa dan l-Att, jew
- b) prodotti agrikoli li jiġu introdotti fis-suq fi kwantitajiet li ma jaqbżux 1,000 unità ta' imballaġġ.”

Artikolu 137 L-Artikolu 32(3) tal-Att dwar il-protezzjoni tal-orġini hija sostitwita b'dan li ġej:

“(3) Il-ministru għandu jkun awtorizzat jistabbilixxi permezz ta' digriet

- a) regoli li jirregolaw il-kompiti li jitwettqu mill-korpi ta' ġestjoni u l-operat ta' daww il-korpi ta' ġestjoni, u
- b) il-kamp ta' applikazzjoni tal-impriżi skont l-Artikolu 26/A(2)(a),
- c) regoli speċifiċi relatati mat-tikkettar ta' prodotti li jkollhom indikazzjoni ġeografika.”

Artikolu 138 L-Artikolu 33/B li ġej jiddaħħal taħt l-intestatura 18/A tal-Att dwar il-protezzjoni tal-orġini:

“Artikolu 33/B Prodotti agrikoli li jonqsu milli jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26/A, kif stabbilit bl-Att LXXX tal-2024 dwar l-emenda ta' ċerti atti fil-qasam tal-agrikoltura

(minn hawn 'il quddiem: l-Att LXXX tal-2024), u li jkunu ġew introdotti fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2025, jistgħu jibqgħu fis-suq anke wara l-1 ta' Lulju 2025.”

Artikolu 139 L-Artikolu 34/A li ġej jiddaħħal taħt l-intestatura 19 tal-Att dwar il-protezzjoni tal-orijini:

“**Artikolu 34/A** L-abbozzi tal-Artikolu 26/A, l-Artikolu 32(3) u l-Artikolu 33/B, kif stabbiliti bl-Att LXXX tal-2024, ġew innotifikati minn qabel, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika.”

(...)

31. Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 148 (1) Bl-eċċezzjoni tal-paragrafi (2) sa (8), dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

(...)

(6) L-Artikolu 69(2), l-Artikolu 72, l-Artikolu 80, l-Artikolu 82, l-intestatura 15 u l-intestatura 25 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2025.

(...)

Artikolu 151 Ir-rekwiżit għan-notifika minn qabel tal-abbozz tal-intestatura 25, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika, ġie ssodisfat.

<i>Dr. Tamás Sulyok</i> m.p., President tar-Repubblika	<i>Dr. János Latorcai</i> m.p., Viċi Speaker tal-Parlament
---	---